DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/877

tas-26 ta' Mejju 2021

li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Gvern Taljan,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102 ([2]), biex ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sa Simonetta SALIERA b'riżultat tat-tmiem tal-mandat elettorali tagħha f'awtorità reġjonali, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sa Loredana CAPONE, rappreżentanta ta' korp reġjonali b'mandat elettorali ta' awtorità reġjonali (*Presidente del Consiglio regionale e Consigliere regionale della Puglia*), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

(5) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Alessandro PIANA, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(6) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Gianmarco MEDUSEI, rappreżentant ta' korp reġjonali b'mandat elettorali ta' awtorità reġjonali (*Presidente del Consiglio regionale e Consigliere regionale della Liguria*), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jiddekorri sal-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

— Is-Sa Loredana CAPONE, *Presidente del Consiglio regionale e Consigliere regionale della Puglia*,

u

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Gianmarco MEDUSEI, *Presidente del Consiglio regionale e Consigliere regionale della Liguria*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
M. do C. ANTUNES